

# Il-Vara tal-Aħħar Ċena u Salvatore Bruno



minn Dott. Antoine J. Agius



Min jiġi sabiex jara l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira f'Ħal Qormi bla ebda dubju u bla ma jrid jitfa' għajnejh fuq l-ewwel vara li toħroġ mill-bieb prinċipali tal-Knisja Arċimatriċi dedikata lil San Ġorġ Martri u din il-vara hi l-Aħħar Ċena. Iżżanżnet nhar il-31 ta' Marzu tal-1961, fil-Ġimgħa l-Kbira meta folol kbar ġew iżuruna sabiex jarawha fit-triq.

## L-idea tal-vara taċ-Ċena

Fl-1952, ġo Barċellona, fi Spanja sar il-35 Kungress Ewkaristiku Internazzjonali. Fost il-ħafna pellegrini, minn Malta wkoll, kien hemm uħud minn Ħal Qormi – u fost dawn kien hemm Ċensu Grech (il-Mastrudaxxa) u Karmnu Gatt (il-ħarufa).

Ġo vetrina ta' ħanut tal-istatwi lemħu statwa kbira tal-pasta Madera li turi l-Aħħar Ċena, jiġifieri Kristu mdawwar bl-Appostli kollha madwar mejda ta' għamla ovali. Din l-istatwa kienet maħduma mid-ditta El Arte Cristiano ta' Olot, Gerona, fi Spanja. Kienet tal-kejl ta' 300 ċentimetru b'260 ċentimetru, jiġifieri 118-il pulzier b'102 pulzieri kienet tiżen 650 ratal u l-prezz tagħha kien £1200. Kienet minn hawn li oriġinat l-idea f'Ħal Qormi li ssir il-vara tal-Aħħar Ċena. Iżda aħna l-Qormin kellna nistennew madwar 9 snin biex naraw din il-ħolma ssir realtà.

## Il-Ġunta tal-Ġimgħa l-Kbira

Fl-1956, twaqqfet il-Ġunta tal-Ġimgħa l-Kbira rikonnoxxuta mill-Kurja tal-Arċisqof b'digriet tal-20 ta' Mejju tal-istess sena. Il-President ta' din kien l-Arċipriet Dun Gerard Frendo, Segretarju Dun Peppin Pace, Teżorier Dun Ġużepp Zammit u tliet membri lajċi li kienu s-sinjuri Massimo Mangion, Ċensu Grech (fl-istess individwu li kien Barcellona fl-1952 meta ra statwa ta' Ċena), u Orlando Orland. Il-Kavallier Sur Ġann Coleiro (junior) inħatar President Onorarju għall-għomru. L-ewwel laqgħa ta' din il-Ġunta jew kumitat kienet nhar is-26 ta' Ġunju 1956 fis-6.30pm, fil-maħżen tal-knisja parrokkjali jiġifieri wara l-kor; il-laqgħat ta' wara dik saru kollha wara fl-uffiċċju parrokkjali tal-Arċipriet, jiġifieri fejn kienet il-lavatorja. Bejn is-26 ta' Ġunju 1956 u s-17 ta' Mejju 1960 kienu saru b'kollox 15-il seduta tal-Ġunta tal-Ġimgħa l-Kbira. Wara s-17 ta' Mejju 1960 ma jidhirx li saru aktar seduti tal-Ġunti tal-Ġimgħa l-Kbira.

## Il-Ġunta u l-Vara tal-Aħħar Ċena

L-istatwa tal-Aħħar Ċena tissemma għall-ewwel darba bil-miktub fis-6 laqgħa tal-Ġunta tal-Ġimgħa l-Kbira, jiġifieri fid-29 ta' Settembru 1957. Iżda jidher li kienet diġà ssemmiet fil-laqgħa ta' qabel (26 ta' April 1957). Għalkemm ma tniżżel xejn fil-minuti. Għalhekk fid-29 ta' Novembru 1957 naqraw: "Terġa' tissemma sena wara. Insibu miktub fin-minuti tat-3 ta' Novembru 1958, li l-Arċipriet: *kiteb Spanja bil-ħsieb li ssir statwa ġdida u kien irċieva riposta. Iżda qabel ma jittieħed pass ieħor ġie deċiż li jiġi avviċinat l-Arċisqof biex jintalab mingħandu l-permess meħtieġ.*"

Fis-seduta ta' 27 ta' Settembru 1959, insibu li l-Arċipriet, "meta kien Katanja kien għamel kuntatti ma' statwarju li kellu jibgħat abbozz." Skont il-minuti tas-6 ta' Jannar 1960, l-Arċipriet kien għadu jikkorrespondi ma' dak l-istatwarju ta' Katanja. Iżda fil-minuti tas-seduta tal-25 ta' Marzu 1960, naqraw li l-Arċipriet kien beda jikkorrispondi ma' statwarju minn band'oħra. Fl-aħħar il-laqgħa tal-Ġunta tal-Ġimgħa l-Kbira, jiġifieri fis-17 ta' Mejju 1960 insibu miktub li l-Arċipriet "qal li bihsiebu jsiefer biex jagħmel kuntatt personali mal-istatwarju".

## Min kien Salvatore Bruno?

Dan l-istatwarju kien Salvatore Bruno. L-Arċipriet Frendo kien sar jaf bih mis-Sorijiet Franġiskani f'Ruma. L-iskultur Salvatore Bruna twieled Lecce fl-Italja nhar it-18 ta' Diċembru tas-sena 1883. Kien alljiev ta' żewġ statwarji fil-kartapesta ferm rinomati, l-ewwel ta' De Lucrezi u wara taċ-ċelebri Antonio Maccagnani. Huh Carmelo kien artist ukoll u dawn fethu l-bottega (l-istudjo) tagħhom ġo Viale Stazione f'Lecce, fl-Italja u meta huwa u huh ma baqgħux jaħdmu flimkien Salvatore Bruno mar Bari u fl-1933 fetaħ bottega Via Putignani numru 238.

Bruno mar Bari fuq l-insistenza tal-Kappillan Renzulli, tal-parroċċa dedikata li Santu Rokku. Hemm ħaden żewġ opri fl-alto riljiev Sant'Anna u Sant'Antnin. Wara ħadem żewġ opri l-oħra għall-istess knisja San Pietru u Qalb ta' Ġesù. Fl-1949 kien premjat fil-Fiera tal-Lvat (Fiera del Levante). Kien għamel ukoll xogħol ta' restawr fil-kartapesta fis-saqaf tat-Teatru Curci di Barletta u fl-1960 il-pittura nkassata fis-soqfa u l-ħitan tal-knissja ta' S. Chiara f'Lecce. Fost l-allievi tiegħu baqgħu msemmijin P. Indino, Angelo e Giuseppe Colella, Giuseppe Faraone, Rollo De Santis. Miet f'Bara fl-età venerabbli ta' 105 fl-1988.

## Bruno jiġi l-Ewwel darba f'Ħal Qormi

Fis-sajf tal-1960 Bruno ġie Ħal Qormi għal ftit ħin. Dan nafuh minn ittra ta' ringrazzjament lill-Arċipriet Dun Gerard Frendo mill-istess Salvatore Bruno datata 31 ta' Lulju 1960. Bruno kien ġie biex ħa l-maskra ta' Kristu ta' Ġuda, ta' Ġuda, tal-Madonna u ta' San Ġwann tal-Vara l-Kbira.

L-Arċipriet Dun Gerard Frendo kien mar apposta Bari f'Settembru 1960 meta suppost Bruno kellu jurih fiex wasal ix-xogħol fuq iċ-Ċena. Iżda baqa' ma urihielix! Jidher ċar li Bruno ried juriha biss meta tkun lesta!

Fil-15 ta' Novembru 1960 l-istatwa kellha tasal Malta; iżda ma ġietx! Skont ittra ta' Bruno tas-7 ta' Jannar 1961 iċ-Ċena kellha tintbagħat fi tliet kaxxi u l-istatwa tiżen, b'kollox xi 4 jew 5 qnatar (quintali).

## Stil

Il-vara hi tal-istil *arte sacra Leccese*. Saret kif titlob s-sengħa tal-*cartapestai*. Kif isiru wkoll il-pasturi Naplitani fejn uċuħ tat-terrakotta huma ferm spjegati b'teknika u ħila. Statwi devoti mhux movimentali. Mis-sitt vari ta' Bruno f'Ħal Qormi minbarra ċ-Ċena baqgħa d-Depożizzjoni (1965). F'Għawdex ix-Xagħra hemm il-vara tat-Tradiment li hi xogħol ta' Bruno u taqbel mas-sett ta' Guacci. L-istil ta' Lecce jiffoka l-aktar fuq l-uċuħ, iżda l-ilbies peress li huwa tal-karta apposta ma fihx il-panneġġi li jipproduċi d-drapp fil-kompożizzjoni tal-'kartapesta' Maltija. Ukoll il-vari mhumiex ta' strapazz bħalma mdorrijin jagħmlu l-istatwarji Maltin.

Il-vara tal-Aħħar Ċena bi 13-il figura tħallset b'żewġ pagamenti ndaqs ta' £232 kull darba; fi kliem ieħor, minbarra spejjeż oħra, iċ-Ċena qamet £464. Xi 4 jiem wara li l-istatwa waslet Malta Bruno reġa' ġie Ħal Qormi sabiex jara kif intlaqqgħet iċ-Ċena kif ukoll il-Vara tar-Raba' Stazzjon. It-Tlieta 28 ta' Marzu, 1961 Bruno telaq minn Bari għal Napli bil-ferrovija u minn Napli fil-5.00pm bl-ajruplan li kien ġej minn Londra għal Malta fejn wasal fis-6.15pm.

Il-vara ħarġet għall-ewwel darba, kif diġà tennejt, nhar il-Ġimgħa l-Kbira fil-31 ta' Marzu 1961. Ir-refa' kienet £5 r-ras. B'kollox mill-irfiegħ nġabru £60. Fost il-poplu kien hemm żewġ individwi li ġabru għal din il-vara Salvu Debono (wieħed mill-fundaturi tal-Għaqda Soċjo-Mużikali Anici) u Giuseppe Agius.

## L-Istatwarju Xandru Mallia

Dan l-istatwarju Qormiż kien donnu ħa għalih meta ma kienx kommissjonat jagħmel din il-vara. Insibu li kien wasal sabiex għamel anke hu abbozz ta' vara tal-Aħħar Ċena (kif jidher fil-Berqa tad-29 ta' Marzu 1961), kif ukoll għamel protest ġudizjarju għaliex qal li hu kien il-konservatur tal-istatwarju Carlo Darmanin u li Bruno ma kellux dritt jieħu l-maskri tal-vara ta' Darmanin.

Għalhekk, Ħal Qormi u l-Parraċċa ta' San Ġorġ Martri l-id, bit-teknika, il-ħila u l-moħħ ta' Salvatore Bruno, ta' kienu l-*pace setters* tal-qawmien ikongrafiku tal-Vari tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta mhux biss fis-snin sittin iżda għal ħafna u ħafna snin.

Biblijografija
1 Minuti tal-Ġunta tal-Ġimgħa l-Kbira
2 Tagħrif mill-Informazzjoni li kienet miġbura minn Dun Ġwakkin Schembri
3 Caterina Ragusa "Giuda alla Cartapesta Leccesse" Congedo Editore 1997.
4 Tagħrif ieħor miġbur mill-awtur.